# IDOLATRIJA STATWI RELIĠJUŻI U L-BIBBJA

Minn
George Ebejer

# L-IDOLATRIJA – STATWI RELIĠJUŻI U L-BIBBJA

Dan huwa studju ta' importanza kbira għal dawk kollha li tassew iridu li jogħġbu lill-Mulej f'dak kollu li huma jagħmlu fil-ħajja reliġjuża tagħhom. Aħna nis-tednuk biex taqbad il-Bibbja Mqaddsa tiegħek f'idejk u taqra minnha l-kwotazzjonijiiet Skritturali kollha kkwotati f'dan l-istudju. L-Iskritturi kollha kkwotati huma meħuda mill-Verżjoni tal-Bibbja ta' l-Għaqda Biblika Maltija, it-Tieni Edizzjoni, 1996.

Ħalli aħna nkunu lesti li ngħidu ma' l-Appostli:

> "*Jeħtieġ nobdu aktar lil Alla milli l-bnedmin*" (Atti 5:29).

**Twissijiet u tagħlim:**

1. **Mark 7:7** – "*Fiergħa hi l-qima li jagħtuni; jgħal-lmu duttrina li m'hijiex għajr preċetti tal-bned-min.*"
2. **Mattew 7:13-15** – "*Għaddu mill-bieb id-dejjaq. Għax wiesa' l-bieb u spazjuża t-triq li tieħu għat-telfien, u ħafna huma li jgħaddu minnha. Imma kemm huwa dejjaq il-bieb u dejaq t-triq li tieħu għall-ħajja, u ftit huma li jsibuha! Iftħu għajnej-kom mill-profeti foloz; għax dawn jiġu għand-kom libsin ta' nagħaġ, u minn ġewwa jkunu lpup ħattafa!*"
3. **2 Pietru 3:9** – "*Mhux għax jiddawwar il-Mulej li jstemm il-wegħdiet tiegħu, kif jaħsbu xi wħud, imma qiegħed jistabar bikom għax ma jridx li xi*

*ħadd jintilef, imma li kulħadd jersaq għall-indiema.*"

**Hemm xi wħud:**

**2 Timotju 3:7** – "*Li dejjem itgħallmu, imma li* ***qatt*** *ma jseħħilhom jaslu biex jagħrfu l-verità.*"

## L-IDOLI – STATWI RELIĠJUŻI

Meta niddiskutu ħwejjeġ li jinvolvu xi twemmin profond dwar il-Mulej tagħna Ġesù Kristu, jiġu l-offiżi.

L-iskop ta' din il-lezzjoni mhuwiex biex inqajmu offiżi jew biex inweġġgħu s-sentimenti ta' xi ħadd. L-iskop ta' din il-lezzjoni huwa biss biex **nirrivelaw il-verità**. L-appostlu Pawlu meta kien f'sitwazzjoni bħal din qal hekk:

> "*Sirt issa, mela, għadu tagħkom għax qiegħed ngħidilkom il-verità?*" (Galatin 4:16).

L-uniku skop tagħna huwa li nuru l-verità tal-Kelma ta' Alla u xejn aktar. Nittama ma ma nagħlu l-ebda għedewwa minħabba dan.

Jekk inti għandek il-Bibbja f'idejk, tajjeb hawn li taqra l-passaġġi msemmija taħt mill-Bibbja tiegħek.

a. **Atti 13:44-50**. Il-Lhud xewxu lin-nies kontra Pawlu u Barnaba.

b. **Atti 14:8-20** – Pawlu kien imħaġġar.

c. **Atti 16:16-40** – Pawlu u Sila fil-ħabs ta' Filippi.

**Atti 19:23-28** – Pawlu f'Efesu u l-arġentier.

*"Mela dik il-ħabta nqala' nkwiet mhux żgħir minħabba t-Triq tal-Mulej. Kien hemm wieħed arġentier, jismu Demetriju, li kien jagħmel mudelli tal-fidda tat-tempju ta' Artemi, u, bis-saħħa tiegħu, in-nies tas-sengħa kienu jaqilgħu ħafna flus. Dan laqqagħhom flimkien ma' nies ta' snajja oħra bħal tagħhom, u qalilhom: "Ħbieb, intom tafu li l-għana tagħna ġej mill-qligħ ta' din is-sengħa. Qegħdin taraw u tisimgħu li dan Pawlu qiegħed idawwar u jaqleb ħafna nies, mhux biss f'Efesu, imma tista' tgħid fl-Asja kollha. Qiegħed igħ-idilhom li allat maħduma bl-idejn ma huma allat xejn. Hawn hu l-biża', li mhux biss din is-sengħa tagħna ma jibqgħux jistmawha, iżda li saħansitra t-tempju ta' Artemi l-kbira, l-alla tagħna, jiġi fix-xejn; u fl-aħħar jiġri li tonqos il-glorja kbira ta' dik li hi miqjuma fl-Asja u d-dinja kollha." Xħin semgħu dan, imtlew bil-għadab u qabdu jgħaj-tu: "Kbira Artemi ta' l-Efesin!"*

Immaġina li kieku l-appostlu Pawlu jkun hawn magħna llum x'jiġri! Forsi jkollu jgħaddi mill-istess esperjenza!

Minn xhiex għadda Pawlu talli ppriedka l-verità ta' l-Evanġelju?

**2 Korintin 11:24-29**,

> "*Ħames darbiet qlajt mingħand il-Lhud l-erbgħin daqqa neqsin waħda; tliet darbiet tawni s-swat bil-virga; darb' oħra ħaġġruni. Tliet darbiet rajt il-għar-qa; għaddejt lejl u jum f'nofs ta' baħar. Għamilt safar bla għadd; sibt ruħi f'pe-rikli ta' xmajjar, perikli mill-ħallelin, perikli min-nies ta' ġensi, perikli mill-pagani, perikli fl-ibliet, perikli fid-deż-ert, perikli mill-aħwa qarrieqa. Taħbit u xogħol iebes; kemm-il darba kelli ngħaddi sahriet bla rqad, bil-ġuħ u bil-għatx; kemm-il darba kelli ngħaddi fis-sawn, fil-ksieħ għera! U, biex ma nse-mmix ħwejjeġ oħra, dak il-ħafna ġej u sejjer tan-nies ta' kuljum għandi, u l-ħsieb tal-knejjes kollha! Min hu marid u miniex marid miegħu jien? Min hu dak li jsib min ifixklu u jien ma nħoss-nix imbaqbaq?*"

Jew, għaliex xi wħud ikunu offenduti waqt li oħrajn imdawwla? Il-Bibbja Mqaddsa tgħidilna għaliex fi Proverbji 9: 7-10:

> "*Min iwissi lill-insolenti, jaħbatlu ħaż-in, min iwiddeb il-ħażin, jaqla' t-tagħ-jir. Twiddibx lill-insolenti, għax jobo-*

*għodok; widdeb l-għaref, u jħobbok. Għallem lill-għaref, u jsir iżjed għaref; għarraf lill-ġust, u iżjed jitgħallem. Il-biża' tal-Mulej hu l-bidu ta' l-għerf, u li tagħraf lill-Qaddis hu d-dehen.*"

Il-pedament tal-Bibbja huwa Ġesù Kristu. Ġebla tal-bini għat-Testment il-Ġdid huwa t-Testment il-Qadim.

Ġesù qal:

> "*Għax kieku kontu temmnu f'Mosè kontu temmnu fija wkoll, għax Mosè fuqi kiteb. Imma intom ma temmnux dak li kitbilkom hu, kif se temmnu dak li ngħidilkom jien?*" (Ġwanni 5:46).

Naturalment kien hemm aktar awturi minn Mosè fit-Testment il-Qadim.

Imma s-suġġett hawn—*l-idolatrija*—huwa relatat direttament għal dawn il-versi ta' Skrittura mit-Testment il-Qadim.

Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika jeħtieġ li l-Kattoliċi kollha li "jivveneraw" statwi, jew xbihat ta' Kristu, Marija u oħrajn:

> "Ix-xbihat imqaddsa li jinsabu fil-knejjes tagħna u fi djarna, iridu jqajmu fina u jmantu l-fidi fil-Misteru ta' Kristu. Quddiem l-ikona ta' Kristu u ta' l-għemejjel tiegħu għas-salvazzjoni, aħna nkunu naduraw mhux ix-xbieha, imma lil Kristu stess. Quddiem ix-xbihat qaddisa ta' Omm Alla, ta' l-anġli u tal-

qaddisin aħna nivveneraw mhux ix-xbihat imma lil dawk stess li jirrappreżentaw." (Paġna 299, #1192.)

Hu x'inhu l-iskop ta' x'inhu ntenzjonat li jagħmlu l-istatwi, ħaġa waħda hija ċerta—dawn jiksru direttament l-istruzzjonijiet ta' Alla. Meta Alla ta l-Għaxar Kmandamenti, it-tieni wieħed kien:

> "*Ma jkollokx allat oħra għajri.* ***La tagħmilx għalik suriet minquxa u ebda xbieħa*** *ta' ebda ħaġa li hemm fl-għoli tas-sema, jew isfel fl-art, jew fil-baħar taħt l-art. La tmilx quddiemhom: La tadurahomx għaliex jiena hu l-Mulej Alla tiegħek, Alla għajjur....*" (Eżodu 20:4-5; enfasi tiegħi).

F'**Eżodu 20:4-5** (silta parallela hija Dewteronomju 5:7-9) Mosè, kiteb dan il-kliem bi kliem dirett minn Alla!

Alla ordna wkoll:

> "*M'għandek twaqqaf ebda xbieħa;* ***li jobgħodha l-Mulej, Alla tiegħek***" (Dewteronomju 16:22; enfasi tiegħi; Bibbja Saydon)

Erba' kmandi huma mogħtija hawn f'dawn il-versi:

- Ma jkollokx allat oħra għajri.
- **La tagħmilx** għalik suriet minquxa.
- La tmilx quddiemhom.
- La tadurahomx.

Ħalli niddiskuthom dawn l-erba' kmandi li huma mogħtija direttament minn Alla.

**1. "allat."**

Dan jista' jirreferi għal kull demonju, persuna oħra, inti nnifsek, xi oġġett, delizzju, jew saħansitra xi filosofija. Jekk inti tirrispetta xi ħaġa tant bil-kbir li din issir il-qofol fil-ħajja tiegħek, li din tieħu post Alla, allura inti tkun poġġejt alla quddiem l-Alla veru.

Wieħed li jkun irid jaħdem biss jista' jistqarr li hu Kristjan, imur il-knisja, eċċ., imma huwa jagħti lilu nnifsu għall-impjieg tiegħu u jaħdem; tant jaħdem li huwa jonqos mis-sħubija, jittraskura l-bżonnijiet ta' attenzjoni tal-familja tiegħu, iqum darba u jsib li uliedu jkunu kibru u lil martu bilkemm jaraha. Dan ir-raġel ikun għamel alla mix-xogħol tiegħu, u ma obdiex il-kmand ta' Alla f'Eżodu 20:3. Dan nistgħu napplikawh għal kull ħaġa li semmejt fuq.

**2. "idoli" jew suriet minquxa.**

Idolu m'għandux ikun mifhum bħala li huwa biss xbieha minquxa. Idolu huwa bħal alla. Idolu huwa dak kollu fil-ħajja ta' persuna li huwa punt ta' importanza ta' qima jew adorazzjoni.

Fl-effett, kull ħaġa li inti tista' tiddefinixxiha bħala li hija alla f'ħajtek. Iżda, aktar speċifiku, inti tista' tibdel il-kelma idolu u tgħid li int għandek idolu f'ħaj-tek. Iżda, aktar speċifiku, b'mod aktar xieraq huwa oġġett li jirrappreżenta l-alla fil-ħajja ta' dak li jkun. Per eżempju, jiena nista' nagħmel lili nnifsi l-alla ta' ħajti billi nagħti lili nnifsi l-kredtu għal dak kollu li jiena nikseb, inqim lili nnifsi, eċċ.

Jekk jiena nieħu stampa tiegħi nnifsi, u nippretendi li l-familja u l-ħbieb tiegħi li jbusuha u jitbaxxew quddiemha u jadurawha, allura r-ritratt ikun l-idolu u jiena nkun alla. Ma jimpurtax kif inti tħares lejha, ħaġa waħda hija ċara ħafna: Alla qal, f'Eżodu 20:4, "***La tagħmilx** idolu.*"

Kull ħaġa maħduma mill-idejn tal-bniedem tista' ssir idolu jekk persuna tikseb dik il-ħaġa u tużaha għal dan l-iskop, aktar u aktar tużaha għall-skop **reliġjuż**.

**3. "La tmilx quddiemmhom."**

L-ispjega ta' din hija ċara ħafna. Jekk inti għandek xi alla jew idolu, u tinżel għarkobbtejk quddiemhom, inti qiegħed tikser il-kmand ta' Alla, u li tikser il-kmand ta' Alla jfisser li inti qiegħed tidneb (1 Ġwanni 3:4). Aħna kkmandati skond Eżodu 20:5 biex ma nitbaxxewx quddiemhom. Kemm aħna naraw nies jitbaxxew u jinżlu għarkopptejhom quddiem il-mexxejja reliġjużi tagħhom? Dak kollu huwa kkundannat fil-Kelma ta' Alla! (Ara fil-Bibbja tiegħek Atti 10:25; Apokalissi 18:1; 19:10; 22:8-9).

**4. "La tadurahomx."**

Din l-ispjega hija wkoll ċara ħafna. Jekk inti għandek xi alla jew idolu, skond Eżodu 20:5 int m'għandekx tadurah! Meta Ġesù kien ittantat mix-Xitan biex jinxeħet quddiemu u jadurah, Ġesù qallu,

> "*Għax hemm miktub, 'Lill-Mulej, Alla tiegħek, għandek tadura, u lilu biss taqdi'*" (Mattew 4:10).

Il-Bibbja tikkonkludi li dawk li jagħmlu jew għandhom statwi reliġjużi kienu ġew imħassra, u r-raġuni hi:

> "*Meta l-Mulej, Alla tagħkom kellimkom minn ġon-nar minn fuq il-muntanja Ħoreb,* ***intom ma rajtu ebda xbieha, mela ħarsu rwieħkom li ma titħassrux u tagħmlu xi sura ta' idolu, fi xbieha ta' raġel, jew mara*** *...*" (Dewteronomju 4:15-16; enfasi tiegħi).

"***Intom <u>ma rajtu</u> ebda xbieha***" u għalhekk ma tistgħu tagħmlu ebda statwa jew idolu, sejħilha li trid!

Alla jerġa' jgħid il-pożizzjoni Tiegħu mill-ġdid:

> "*Qisu li ma tinsewx il-patt tal-Mulej, Alla tagħkom, li għamel magħkom u* ***ma tagħmlu*** *ebda xbieha mnaqqxa, li l-Mulej Alla tiegħek, ordnalek li ma tagħmilx. Għax il-Mulej Alla tiegħek nar qerried, Alla għajjur.*" (Dewteronomju 4:23-24; enfasi tiegħi).

Il-Kelma ta' Alla b'mod l-aktar ċar tipprojbixxi nies milli jitbaxxew quddiem statwi, li hija ħaġa komuni fil-Knisja Kattolika Rumana. Kull darba li inti tara xi stampa tal-papa jitbaxxa quddiem statwa jew inkwatru ta' Marija bħal ma rajnieh jagħmel quddiem ix-xbieha tal-Madonna ta' Pinu Għawdex – 26-5-1990, kif ukoll jinċensa l-istatwa tal-Madonna ta' Loreto (Italja) 1985) aħseb dwar dan il-vers ta' l-Iskrittura Mqaddsa:

> "*La tmilx quddiemhom: La taduraħomx għaliex jiena hu l-Mulej Alla*

*tiegħek, Alla għajjur….*" (Eżodu 20:4-5; enfasi tiegħi).

Ukoll meta l-papa ġie Malta (2000) huwa mar jitlob fil-grotta ta' San Pawlu fejn niżel għarkopptejh quddiem l-istatwa ta' San Pawl, imma wieħed hawn għandu jaħseb dwar dak li naqraw f'Atti 10:25, 26,

> "*Xħin daħal Pietru, Kornelju mar jilqgħu u* ***ntefa' f'riġlejh*** *jagħtih qima. Imma Pietru qajmu u qallu: "**Qum, Jien bniedem ukoll***" (enfasi tiegħi).

Kemm aktar u aktar m'għandekx tagħmel dan quddiem statwa tal-ġebel! Immaġina l-appostlu Pietru jew xi appostlu ieħor jinżel għarkopptejh quddiem l-appostlu Pawlu aktar u aktar quddiem statwa tal-ġebel! Imma aktar minn hekk, naqraw ukoll f'Apokalissi 22: 8-9,

> "*Kont jiena stess, Ġwanni, li smajt u rajt dawn il-ħwejjeġ kollha. U, wara li smajthom u rajthom,* ***inżilt quddiem l-anġlu*** *li wrihomli biex nagħtih qima* ***f'riġeljh****. Imma qalli: "Hekk le! Jiena qaddej bħalek u bħal ħutek il-profeti, u bħal dawk li jħarsu l-kelmiet ta' dan il-ktieb. Il-qima lil Alla agħtiha*" (enfasi tiegħi. Ara wkoll 19:10).

Ġwanni pprova jinżel quddiem **anġlu** u mhux quddiem bniedem imma dan ukoll kien imur kontra r-rieda ta' Alla.

Fit-Testment il-Ġdid, l-appostlu Pawlu jispjega għa-liex Alla kien daqshekk iebes dwar l-idoli:

> "*Xi rrid ngħid? Jew li l-idoli huma xi ħaġa? Ngħid is-sagrifiċċju li joffru l-pagani,* ***lid-demonji*** *joffruhom u mhux lil Alla: u jien ma rridx li intom* ***tidħlu f'għaqda*** *mad-demonji*" (1 Korintin 10:19-20; enfasi tiegħi).

Wara kull idolu hemm demonju letterali, u Alla ma jridx li xi ħadd li jkollu sħubija mad-demonji. Mhux għaġeb li Alla jipprojbixxi l-użu ta' idoli jew statwi:

> "***La ddurux lejn l-idoli***, *u tagħmlux allat tal-metall imdewweb: Jiena l-Mulej Alla tagħkom*" (Levitku 19:4; enfasi tiegħi).

Xbiha jew statwa mhumiex xiħaġa ħajja: din m'għandha ebda ruħ, ebda s;pirtu, ebda ġisem ħaj. Pjuttost, hij aparti minn natura, bla ħajja u mejta. L-Appostlu Pawlu kiteb,

> "*Xi rrid ngħid?…Li l-idoli huma xi ħaġa?…* (1 Korintin 10:19).
>
> "*Nafu li l-idolu m'hu xejn fid-dinja: ħadd m'hu Alla ħlief wieħed*" (1 Korintin 8:4).

Alla jobgħod l-idolatrija:

> "*Imma bħalissa qiegħed niktbilkom biex ma tagħmluhiex ma' min jissejjaħ ħukom u jkun żieni, rgħib,* ***idolatra****… ma' dan lanqas biss tieklu ma għand-kom*" (1 Korintin 5:11; enfasi tiegħi).

Il-profeta Ġeremija tana din id-deskrizzjoni kkulurita tan-nuqqas ta’ ħajja fl-idoli:

> “*Dan jgħid il-Mulej: Drawwiet il-ġnus la titgħallmux, u la tibżgħux mis-sinjali tas-smewwiet, il-ġnus jitbeżżgħu minn-hom. Għax ir-reliġjon tal-popli hija frugħa, għuda maqtugħa minn ġol-bosk, xogħol l-idejn l-imgħallem bl-iskalpell. Iżejjinha bid-deheb u l-fidda, iwaħħluha bl-imsiemer u l-martell biex ma titħarrikx. Bħan-nuffara f’għalqa ħajr, l-idoli ma jitkellmux. Trid terfagħhom, għax ma jimxux. La tibżgħux minnhom, għax deni ma jagħmlux,* ***u riżq ma fihom xejn****.*”

Xbieha fina nfisha ma tista’ tagħmel xejn. Imħollija weħidha, din tiddeterjora, tissaddad, timmoffa, jew taqa’ biċċa biċċa. Jekk taqa’ din tibqa’ fl-art sakemm xi ħadd jiġborha u jpoġġiha mill-ġdid f’postha f’pożizzjoni wieqfa. Madankollu, din hija x-xorta ta’ xbieha li Alla jipprojbixxi li aħna nagħmlu, li tikkawżah li jgħid:

> “*…għaliex jiena hu l-Mulej Alla tiegħek, Alla għajjur*” (Eżodu 20:5).

> “*…li ma titħassrux u tagħmlu xi sura ta’ idolu, fi xbieha ta’ raġel jew mara …*” (Dewteronomju 4:16).

Hawn wieħed għandu jkun attent dwar it-tifsir li jingħata dwar l-istatwi u l-idoli fejn jintqal li "Idolu… huwa r-rappreżentazzjoni ta' alla falz, waqt li xbieha qaddisa fis-sens Kristjan hija rappreżentazzjoni illustrata tal-veru Alla jew ta' Qaddis ġenwin" (Pohl, Mariology, p. 162).

Ibbażat fuq l-għarfien tagħna ta' l-istorja, din id-definizzjoni hija loġika, għaliex idoli ta' ġnus pagani faċilment huma magħrufa bħala allat foloz. Xi wħud kienu bħafna rjus, oħrajn parti annimal u parti għasfur u ħafna figuri kienu murija ma' sriep. Mhux kollha kienu koroh, iżda; xi wħud mix-xbiehat antiki kienu deskrizzjonijiet ta' allat sbieħ u allat nisa millisbaħ. Imma idoli pagani huma li jingħarfu għaliex KULL WIEĦED KIEN MAGĦMUL BIEX JIRRAPPRE-ŻENTA DIVINITÀ. Ħadd ma kien jaħseb biex jagħ-mel xbiehat *tas-segwaċi* tad-divinitajiet (kif jagħmel il-Kattoliċiżmu). Il-Kattoliċi (u xi oħrajn) jagħmlu xbiehat ta' Marija, tal-Qaddisin li huma biss *segwaċi* tad-Divinità, Alla. F'Rumani 1:18-25 naraw li lil Alla bidluh f'gidba billi għamlu xbieha ta' bniedem. (Ara paġni 42-44 ta' dan l-istudju dwar dan il-passaġġ). Ma hemm ebda differenza bejn l-idoli l-antiki u l-istatwi reliġjużi tal-lum. Ir-raġuni hija għaliex l-idoli l-antiki u l-istatwi reliġjużi tal-lum huma kollha bla ħajja ma jimpurtax fuq liema naħa tal-ħajt tat-tajjeb u tal-ħażin aħna npoġġuhom. Jekk inti għandek zokk niexef u ffurmajtu fi xbieha ta' Marija jew statwa tal-Fagħrun, ma hemm ebda differenza bejniethom fl-elementi baż-iċi tagħhom; it-tnejn huma bla ebda ħajja! Il-periklu qiegħed li darba

li wieħed ikun ingannat, Ġesù "ġdid" u messaġġ ieħor ikunu jistgħu jingħataw faċilment lil min iqim. Dak huwa x-xogħol ta' Satana u dak li qie-għed jirnexxilu jagħmel illum billi jqarraq b'ħafna nies sinċiera permezz ta' statwi reliġjużi! Il-Kelma ta' Alla tgħidilna:

> "*Għax dan kunu afu; li ebda żieni jew faħxi jew rgħib – li hu* ***idolatra*** *– ma jkollu wirt fis-Saltna ta' Kristu u ta' Alla*" (Efesin 5:5; enfasi tiegħi).

Hawn, Alla jiddikjara li l-idolatri ma jidħlux fis-Smewwiet (il-Ġenna). Il-versi ta' wara jwissu:

> "*Tħallu lil ħadd iqarraq bikom bi kliem fieragħ, għaliex minħabba f'hekk tinżel il-korla ta' Alla fuq dawk li ma jisim-għux. Mela tissieħbu qatt magħhom!*" (Efesin 5:6, 7).

Il-kittieb tas-Salmi jgħallimna saħansitra aktar fuq dan is-suġġett:

> "*L-idoli tal-ġnus m'humiex ħlief deheb u fidda, xogħol ta' id il-bniedem: għan-dhom il-fomm, u ma jitkellmux; għan-dhom l-għajnejn, u ma jarawx; għand-hom il-widnejn, u ma jisimgħux; anqas nifs ma għandhom fi mnifsejhom.* ***Bħalhom ikunu dawk li jagħmlu-hom, u dawk kollha li jittamaw fihom***" (Salm 135:15-18; enfasi tie-għi).

Fi kliem ieħor, kif idolu huwa trux u ma jarax, hekk ukoll kull min jagħmel idolu jew statwa u kull min jafda fihom huwa nieqes mill-għarfien.

Din hija twissija qawwija minn Alla li jħobbu u li jħenn. Jiddependi fuq kull wieħed u waħda minna jekk aħna naċċettawx il-Kliem ta' Alla jew il-kliem tal-bnedmin. Il-Knisja Kattolika Rumana ssostni li l-idoli "jqajmu u jsostnu" l-fidi tiegħek fil-"misteru ta' Kristu." Imma l-Kelma ta' Alla tipprojbixxi l-użu tagħhom. Lil min int sejjer tobdi?

> "*Tagħmlux idoli, twaqqfux xbiehat minquxa, ebda ħaġra maħduma ma tagħmlu f'artkom biex tadurawha: Jiena l-Mulej Alla tagħkom*" (Levitku 26:1)
>
> "*Hekk intom twarrbu l-kmandamenti ta' Alla biex tħaddnu t-tradizzjoni tal-bnedmin…*" (Mark 7:8).

Lest int li tħalli min iqarraq bik billi jgħidlek li ma hemm xejn ħażin fl-istatwi reliġjużi tal-lum? Jekk iva, għandek il-korla ta' Alla nieżla fuqek! Int għandek tiddeċiedi għalik innifsek jekk intix qiegħed tkun ingannat jew le!

Xi wħud jgħiduli meta jiena nitlkellem magħhom dwar dan is-suġġett: "Imma l-intenzjoni tagħna hija tajba." Imma għal Alla l-intenzjoni weħidha ma tfisser xejn u aktar għal l-ispirti ħżiena. Alla jrid ubbidjenza, li hija bbażata fuq għarfien tal-Kelma Tiegħu u li nimxu fil-fidi fil-verità ta' dik il-Kelma, mhux permezz tal-ħwejjeġ li aħna naraw. Jekk aħna ma nkunux lesti li naċċettaw il-Kelma ta' Alla u nobduha kif inhi,

allura ma hemm xejn li aħna nistennew minn Alla ħlief il-kundanna Tiegħu.

Immaġina li jidher anġlu jiddi quddiemna. X'nagħmlu aħna? X'tagħmel int? X'jagħmlu l-maġġoranza tal-Kattoliċi? Jiena ċert li jkunu ħafna li jinżlu għarkopptejhom quddiemu u jagħtuh qima. Imma min ikun dak l-anġlu, skond il-Kelma ta' Alla? Isma' x'tgħidil-na l-Kelma ta' Alla dwar dan biex aħna noqgħodu att-enti u nkunu ppreparati:

> "*M'hux għaġeb, għax Satana stess jitbiddel f'anġlu tad-dawl*" (2 Korintin 11:14).

Kemm taħseb int li jkun hemm nies li jgħidu li dak l-anġlu *hu Satana*? Ibqa' ċert li jibdew isiru pellegrinaġġi għal dak il-post fejn ikun deher!

## L-ORIĠINI TA' DIN ID-DOTTRINA

Il-Kattoliċiżmu lanqas saħansitra ma jippretendi li din id-dottrina ġiet minn Alla. Isma' xi jgħid il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika:

> "Aħna nimxu fuq it-tagħlim ispirat tal-Missirijiet qaddisa tagħna, u fuq it-tradizzjoni tal-Knisja kattolika – (u aħna nafu li din it-tradizzjoni ġejja mill-Ispirtu s-Santu jgħammar fiha) – ngħidu żguri fuq li żguri, u bil-għaqal kollu, li, l-istess bħax-xbieha tas-salib għażiż li tana l-ħajja, ix-xbihat qaddisa u miqjuma, kemm jekk impinġija u kemm jekk magħmulin fil-mużajk jew b'xi mater-

jal ieħor adatt, xieraq li jkunu fil-knejjes qaddisa ta' Alla, fuq it-tagħmir u l-ilbies qaddis, fuq il-ħitan u fi kwadri, fid-djar u fit-triqat: hekk ukoll ix-xbihat ta' Sidna, Alla u Salvatur tagħna, Ġesù Kristu, dawk ta' Sidtna l-Omm safja u qaddisa ta' Alla, ta' l-anġli kollha u tal-ġusti." (Paġna 292, #1161.)

L-ewwel ħaġa li hija magħmula ċara f'dan il-passaġġ hija li din id-dottrina ġiet mill-"Missirijiet qaddisa" u "tradizzjoni tal-knisja Kattolika." Int mistenni li temmen li dawn il-Missirijiet qaddisa kienu "ispirati divinament" biex imorru kontra l-Kelma ta' Alla. Tista' int qatt taċċettaħ dan?

Il-Knisja Kattolika Rumana ilha tinkoraġġixxi l-venerazzjoni ta' statwi għal tant sekli li xi wħud xi kultant jaħsbu li huma minn dejjem għamlu hekk. Dan naturalment mhuwiex tassew. Matul il-kors twila ta' 700 sena, it-tqegħid ta' xbiehat kien għall-ewwel ipprojbit, imbagħad argumentaw dwarhom, iddiskutewhom, u fl-aħħar ippermettewhom għal skopijiet ta' struzzjoni. Ma kienx sakemm is-Seba' Konċilju Ġenerali ta' Niċea fis-sena 787 li "x-xbiehat venerabbli u qaddisa" kienu mħollija li jitwaqqfu u jkunu murija "qima riverenti" (Ludwig Ott, p. 320). Fi kliem ieħor, il-venerazzjoni ta' l-istatwi ma kinetx imħollija għal kważi daqs kemm din kienet imħollija fil-Knisja. Imma matul dawn is-sekli kollha ta' venerazzjoni, ir-raġunar f'difiża għal l-istatwi tbiegħed aktar 'il bogħod mill-Kelma miktuba ta' Alla, il-Bibbja Mqaddsa. Ftit

nies innutawh dan għaliex il-fidi Kattolika u l-ispjega ta' dik il-fidi ma kinetx mgħallma direttament mill-Iskrittura. It-tagħlim bażiku Kristjan li kienu jirċievu n-nies kien ibbażat fuq dottrina maħsuba minn qabel, bħal dik li nsibu fil-Katekiżmu ta' Baltimore. Imma t-tifsira ovvja ta' xi partijiet mill-Iskrittura, wara sekli ta' interpretazzjoni u spjegazzjoni, xi kultant saret imċajpra. Minflok ma kien jintqal x'kienet tgħid il-Kelma ta' Alla, il-Kattoliċi kienu mgħallma t-TIF-SIRA tagħha, skond il-Missirijiet jew dan il-Papa jew dak l-Iskular. Illum, il-membri KOLLHA tal-Knisja Kattolika Rumana jimxu fuq dan it-tagħlim falz min-għajr lanqas biss ma jindenjaw ruħhom jaraw sewwa x'tgħid il-Kelma ta' Alla dwar dan is-suġġett. Huma lesti li jaċċettaw b'għajnejhom magħluqa t-tagħlim tal-bnedmin u jwarrbu t-tagħlim tal-Kelma ta' Alla fil-ġenb. Illum, l-argumenti li jinġiebu bħala difiża għal l-istatwi huma tlieta, li dawn huma ġejjin mill-"Balti-more Catechism of Christian Doctrine" mill-qassis Thomas Kinkead l-awtur tiegħu (N.Y.: Benzinger Brothers, 1891) u li għadhom jinġiebu sal-lum. Dawn huma: (1) Id-Difiża "George Washington"; (2) "Ix-Xbiehat Bħala Għodda għat-Tagħlim"; (3) "Il-Bibbja Mhix Suffiċjenti". Illum meta jiena nitkellem ma' xi Kattoliku ferventi dan mill-ewwel jibda juża dawn l-argumenti biex jiddefendi l-użu ta' statwi u xbiehat. Jintqal lili li aħna nżommu ritratt ta' missierna u ommna biex niftakru fihom. Hekk ukoll l-istatwi ta' Kristu, ta' Marija u tal-Qaddisin qegħdin hemm biex ifakkruna fihom. Imma dan l-irraġunar ma jiswa' xejn u hu falz għalkollox

għaliex ix-xorta ta' xbiehat li Alla jikkundanna ovvjament huma dawk *b'sinjifikat reliġ-już*, persuna jew kreatura jew oġġett maħsuba li għan-dhom il-potenzjal li jpoġġu lill-bnedmin f'kuntatt mal-qasam spiritwali. Ir-ritratti ta' missieri u ommi ma jo-qgħodux f'din il-kategorija! U wkoll, ir-ritratti ta' mis-sieri u ommi ***huma tassew*** ix-xbiehat ta' missieri u ommi, imma l-istatwi u xbiehat ta' Kristu, u ta' Marija u tal-Qaddisin ***mhumiex tassew*** dawk tagħhom. Dak huwa kollu qerq! Ħadd mhu se jżomm xi ritratt ta' xi raġel ieħor li mhuwiex missieru bħala r-ritratt ta' mis-sieru jew ta' xi mara oħra li mhix ommu bħala ritratt ta' ommu u jgħid dawn huma missieri u ommi! Mela għalfejn dwar dak li għandu x'jaqsam ma' Ġesù u ma' Marija oħrajn iżommu ritratti (jew santi, stampi) ta' rġiel oħra u jgħidu li dak huwa Ġesù u ritratti (jew santi, stampi) ta' nisa oħra u jgħidu li dik hija Marija! Qiegħed tara fejn hu l-ingann!

Imma dawk li jużaw dan ir-raġunar, ikunu wkoll qegħdin jgħidu li Alla ma kienx jaf x'inhu jagħmel u x'kien qiegħed jgħid meta ta l-Għaxar Kmandamenti Tiegħu u fit-tieni wieħed qal:

> "*LA **TAGĦMILX** GĦALIK SURIET MINQUXA U EBDA XBIEHA TA' EBDA ĦAĠA….*" (Eżodu 20:3; enfasi tiegħi).

Dan ifisser ukoll li Alla żbalja meta qal:

> "*INTOM **MA RAJTU** **EBDA XBIE-HA**, MELA ĦARSU RWIEĦKOM LI*

*MA TITĦASSRUX* ***U TAGĦMLU*** *XI SURA TA' IDOLU, FI XBIEHA TA' RAĠEL JEW MARA…*" (Dewteronomju 4:15-16; enfasi tiegħi)

Imma Alla jgħidilna wkoll:

"*QISU LI MA* ***TINSEWX*** *IL-PATT TAL-MULEJ, ALLA TAGĦKOM, LI GĦAMEL MAGĦKOM* ***U MA TAGĦMLU EBDA XBIEHA MNAQQ-XA, LI L-MULEJ ALLA TIEGĦEK ORDNALEK LI MA TAGĦMILX.*** *GĦAX IL-MULEJ ALLA TIEGĦEK, NAR QERRIED, ALLA GĦAJJUR.*" (Dewteronomju 4:23-24; enfasi tiegħi).

Imma l-kliem ta' Alla ma jiswa xejn għal min jagħmel l-istatwi u għal dawk kollha li jaċċettawhom! Mela staqsi lilek innifsek: lil min jiena għandi nobdi, lil Alla jew lil bnedmin? (għat-tweġiba t-tajba ara fil-Bibbja tiegħek Atti 5:29).

Dwar (2) "Ix-Xbiehat Bħala Għodda għat-Tagħlim" jintqal li raġel injorant jista' jitgħallem permezz tal-ħajja ta' qaddis minn [stampa jew statwa] l-istess bħallieku hu qara ktieb (Kinkead, p. 306). Il-mistoqsija tiegħi hawn hija din: "Għaliex xi ħadd ikun irid jistudja l-istatwa ta' xi qaddis, li Alla pprojbixxa li wieħed jagħmilha, biex jitgħallem dwar ħajtu, meta hu jista' jkun mibdul minn glorja għall-glorja permezz ta' l-Ispirtu s-Santu permezz tal-Kelma Tiegħu, il-Bibbja Mqaddsa? Raġel injorant jeħtieġlu li jkun jaf

lil Ġesù Kristu u mhux lil xi statwa ta' xi qaddis! (Rumani 8:29-30).

Dwar (3) "Il-Bibbja Mhix Suffiċjenti." L-aħħar argument tal-kittieb involva wkoll it-tagħlim. Hu jikteb, "Il-Bibbja weħidha mhix suffiċjenti….kieku l-Bibbja kienet ir-regola tal-fidi tagħna, x'kien se jiġri minn dawk li ma jistgħux jaqraw il-Bibbja?…[jew] dawk li għexu qabel ma l-appostli kitbu t-Testment il-Ġdid?" (Ibid., pp. 306-307).

Meta naqra kliem bħal dan, jiena nkompli nsaħħaħ dak li nemmen dwar kemm dawn in-nies ma jafux u ma jaqrawx il-Kelma ta' Alla, il-Bibbja Mqaddsa. Il-Bibbja mhix suffiċjenti? Isma' lil l-appostlu Pietru, ispirat mill-Ispirtu s-Santu xi jgħid dwar dan:

> "*Is-setgħa tiegħu ta' Alla* ***tatna <u>dak kollu</u> li hu meħtieġ għall-ħajja u t-tjieba****, billi għarrfitna 'l Dak li sejħilna għas-sebħ u l-qawwa tiegħu. Bis-saħħa ta' dawn huwa tana l-egħżeż u l-akbar ġid li kien wegħedna, biex bih – wara li tkunu ħlistu mit-taħsir li hawn fid-dinja ħtija tal-ġibdiet ħżiena – tissieħbu fin-natura ta' Alla*" (2 Pietru 1:3-4; enfasi tiegħi).

Ma hemm ebda post ieħor biex tieħu l-vera fidi fi Kristu barra mill-Bibbja Mqaddsa. Isma' x'jgħid l-appostlu Pawlu b'ispirazzjoni mill-Ispirtu s-Santu:

> "*Imma kif jistgħu jsejħu lil dak li ma jemmnux fih? Kif jistgħu jemmnu f'dak li ma semgħux bih? Kif jistgħu*

*jismgħu jekk ma jxandrulhomx? Kif jistgħu jxandrulhom jekk ma jkunux mibgħuta? Bħalma hemm miktub: "Kemm huma sbieħ riġlejn dawk li jħabbru l-ġid." Iżda mhux kulħadd qagħad għall-kelma ta' l-Evanġelju. Isaija ħabbar: "Mulej, min emmen il-kelma li sama' mingħandna?" Il-fidi, mela,* ***TI-ĠI MIS-SMIGĦ, U S-SMIGĦ MIX-XANDIR TAL-KELMA TA' KRIS-TU*"** (Rumani 10:14-17; enfasi tiegħi).

Ma hemm ebda triq oħra biex wieħed isalva ħlief permezz ta' l-Evanġelju għaliex:

"*l-Evanġelju hu qawwa ta' Alla għas-salvazzjoni ta' dawk kollha li jemmnu, …*" (Rumani 1:16).

"L-Evanġelju" u mhux l-istatwi huwa l-qawwa ta' Alla għas-salvazzjoni. (Aqra mill-Bibbja tiegħek Atti 8:26-40 għal eżempju ċar dwar dan, speċjalment versi 30 sa 35 u ara x'għamel wieħed raġel li ma kienx jista' jifhem il-Kelma ta' Alla. Ma kienx mibgħut biex imur quddiem statwa reliġjuża).

Ukoll, il-ħaġa tat-tagħlim Kristjan, il-ħaġa mgħallma, hija l-Evanġelju, mhux l-istatwi. Dawk li għexu qabel mat-Testmentil-Ġdid kien miktub ma kinux imċaħħda mit-tagħlim ta' l-appostli tal-Bibbja għaliex huma kienu mgħallma mill-appostli nfushom. Dwar dawk li ma jafux jaqraw, il-versi kkwotati fuq jenfasizzaw lis-smigħ tal-Kelma jġib il-fidi, u l-Knisja għan-

dha l-obligu li tgħallimhom il-Kelma ta' Alla dwar Kristu u mhux l-idolatrija.

Ġesù qal,

> "*Hu l-ispirtu li jagħti l-ħajja,* ***il-ġisem ma jiswa għal xejn****.* ***Il-kliem li jiena għedtilkom*** *huwa spirtu u ħajja. Iżda hemm xi wħud fostkom li ma jemmnux. Għalliex Ġesù kien jaf sa mill-bidu min kienu dawk li ma emmnux u min kien dak li kellu jittradih*" (Ġwanni 6:63-64).

*Il-Kliem* ta' Ġesù [mhux ta' xi statwa] huma spirtu u ħajja u jġibulna l-ħajja ta' dejjem. Int ma tieħux dan milli tistudja statwa jew xbieha dwar il-ħajja ta' xi qaddis, li fuq kollox, Alla pprojbixxa li tkun magħmula. Aħna għandna teżor, il-Kelma ta' Alla, il-Bibbja Mqaddsa, u din hija suffiċjenti għalkollox biex iġġib fina dak li Alla xtaq sa minn meta tqiegħdu s-sisien tad-dinja:

> "*Dan Alla li qal: "Ħa jiddi d-dawl mid-dlam", dak hu li idda fi qlubna biex jagħtina d-dawl ta' l-għarfien tal-glorja ta' Alla, li tiddi f'wiċċ Kristu. Dan teżor qiegħed għandna f'ġarar tal-fuħħar, ħalli b'hekk jidher sewwa li l-kobor ta' din il-qawwa ġej minn Alla, u mhux minna. Aħna minn kullimkien ninsabu magħfusin, iżda m'aħniex mgħattnin; imħassbin, iżda m'aħniex qalba maqtugħa; ippersegwitati, iżda m'aħniex*

*abbandunati; mixħutin ma' l-art, iżda m'aħniex meqrudin. F'ġisimna dejjem inġorru l-mewt ta' Ġesù, biex f'ġisimna tidher ukoll il-ħajja ta' Ġesù. Għax aħna, għad li qegħdin ngħixu, ninsabu dejjem mogħtija għall-mewt minħabba f'Ġesù biex il-ħajja ta' Ġesù wkoll tkun tidher fil-ġisem tagħna li jmut*" (2 Korintin 4:6-11).

Il-Bibbja weħidha HIJA suffiċjenti bħala strument ta' l-Evanġelju u li twettaq ir-rieda ta' Alla f'ħajjitna. Din fiha t-tagħlim appostoliku kif ukoll it-Testment il-Qadim, li ffigura minn qabel lil Ġesù u x-xogħol Tiegħu u li jwassal għal għarfien tal-pjan komplut ta' Alla. Imma ara x'tgħid il-Knisja Kattolika dwar l-Iskrittura Mqaddsa fid-"Dokumenti tal-Konċilju Vatikan II", bil-Malti, paġna 210 #889-890, nikkwota:

**Ispirazzjoni u verità fl-Iskrittura Mqaddsa**

**11.** Il-veritajiet rivelati minn Alla, li huma miġburin u mfissrin fil-kotba ta' l-Iskrittura Mqaddsa, inkitbu bl-ispirazzjoni ta' l-Ispirtu s-Santu. Ommna l-Knisja Mqaddsa, b'fidi ġejja mill-appostli, iżżomm bħala sagri u kanoniċi l-kotba kollha sħaħ sew tat-Testment il-Qadim kemm tat-Testment il-Ġdid, bil-partijiet kollha tagħhom, għaliex, **miktubin bl-ispirazzjoni ta' l-Ispirtu s-Santu** (cf. Ġw. 20:31; 2 Tim. 3:16; 2 Pt. 1: 19-21; 3: 15-16), għandhom 'l Alla bħala awtur u bħala tali kienu mogħtija lill-Knisja. Biex jinkitbu l-Kotba Mqaddsa Alla għażel xi bnedmin u nqeda bihom waqt li ħalliehom jużaw il-fakultajiet u l-kapaċi-

tajiet tagħhom; hekk, bil-ħidma tiegħu fihom u permezz tagħhom, huma kitbu, ta' veri awturi, **dawk il-ħwejjeġ kollha u dawk biss li huwa ried li jinkitbu.** (Enfasi tiegħi.)

Għalhekk, billi dak kollu li l-awturi ispirati, jew aġografi, kitbu **għandna nżommuh bħala dak li ntqal mill-Ispirtu s-Santu**, hekk ukoll, bħala konsegwenza, għandna nemmnu li l-kotba ta' l-Iskrittura Mqaddsa **jgħallmu b'ċertezza, b'fedeltà u mingħajr żbalji l-verità li, għas-salvazzjoni tagħna, Alla ried li tin-abar fil-Kotba Mqaddsa.** (Enfasi tiegħi.) Għalhekk "L-Iskrittura kollha hija mnebbha minn Alla u tiswa biex wieħed igħallem, iċanfar, iwiddeb u jrawwem fis-sewwa, biex hekk il-bniedem ta' Alla jkun perfett, imhejji għal kull ħidma tajba." (2 Tim. 3:16-17.) Ara wkoll Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, paġna 43-44, #103-107. Mela, skond dan id-dokument, hija suffiċ-jenti l-Bibbja Mqaddsa jew le? Iddeċiedi int!

Il-Bibbja weħidha hija maħsuba li hija nsuffiċjenti minn dawk biss li b'xi mod bidlu l-kmandamenti tagħ-ha, u minn dawk li għandhom jiddefendu dawk il-bid-liet. Għalhekk il-qassis Thomas Kinkead għandu fl-aħħar jasal għall-konklużjoni stramba fid-difiża tiegħu ta' l-istatwi u x-xbiehat fejn jgħid:

> "Mhuwiex is-sempliċiment li tagħmel, mela, li Alla jipprjobixxi, imma li tadu-ra. Dak li Hu jinsisti fuqu huwa, 'Int m'għandekx tadura jew isservi x-xbie-hat li int tagħmel'." (Ibid., p. 308).

**Bla sens**! Dak li Alla jinsisti fuqu huwa s-safa tal-Kelma Tiegħu. Qiegħed tara kif iġibu l-Kelma ta' Alla fix-xejn! Imma lil min aħna għandna nemmnu, lil Thomas Kinkead, jew lil Alla? Biex tkun taf eżatt x'qal Alla dwar l-istatwi u x-xbieha, ara l-Iskritturi kkwotati minn paġna 27 'il quddiem mill-Bibbja tiegħek u ddeċiedi int jekk Kinkead kienx żbaljat jew le! Il-Kelma ta' Alla ħarġet 'il barra mill-għerf u mill-intelliġenza ta' Alla u mhux minn moħħ ta' xi bniedem bħal Thomas Kinkead. Billi Alla jaf kollox, Hu jaf aktar milli nafu aħna u l-għarfien Tiegħu huwa infinit. Jekk aħna ma nifhmux xi ħaġa fl-Iskrittura Mqaddsa, l-għażliet huma li nemmnuha xorta waħda, jew li nfittxu fiha għal aktar dawl fuq is-suġġett (ara Atti 17:11). Li wieħed jibdel l-Iskrittura, (kif għamel il-qassis Thomas Kinkead), qatt ma hija għażla. Meta Alla kkmanda, "*La tagħmilx għalik suriet minquxa u ebda xbieha ta' ebda ħaġa…La tmilx quddiemhom, La taqdihomx,*" għax dawn huma "*d-drawwiet tal-ġnus,*" Hu kellu f'moħħu l-istorja kollha ta' l-umanità, SEW-WASEW SAT-TMIEM TAŻ-ŻMIEN. Għalkemm xi wħud jgħidu li l-idolatrija fiż-żmien tagħna qed tonqos u li qed titbiegħed mill-qima ta' xbiehat, il-Kelma ta' Alla tinsisti li kontra huwa tassew. L-idolatrija sejra jkollha parti importanti ħafna fix-xenarju ta' l-aħħar jum, u l-konsegwenzi ta' li żżid l-istatwi ta' idolatra għall-Kelma Tiegħu hija ta' konsegwenza gravi ħafna u ħafna. Isma' x'tgħid il-Kelma ta' Alla dwar dan:

> "*Hienja dawk li jaħslu lbieshom, sabiex ikollhom is-setgħa fuq is-siġra tal-*

*Ħajja u jidħlu fil-Belt mill-bibien. Jibq-għu barra l-klieb u s-saħħarin, iż-żienja u l-qattiela, u L-IDOLATRI u dawk kollha li jħobbu l-qerq u jagħmluh!" Jien Ġesù, bgħatt l-anġlu tiegħi ħalli jixhdilkom dawn il-ħwejjeġ dwar il-knejjes. "Jiena r-Rimja tal-familja ta' David, il-Kewkba tiddi ta' fil-għo-du."L-Ispirtu u l-Għarusa jgħidu: "Ej-ja!" Min jisma', ħa jgħid: "Ejja!" U min hu bil-għatx, ħa jiġi, ħa jieħu b'xejn min irid l-ilma tal-Ħajja.*

*Jiena nwissi lil kull min jisma' l-kelmiet tal-profezija ta' dan il-ktieb:* ***jekk xi ħadd iżid magħhom****, Alla jixħet fuqu l-kastigi msemmijin f'dan il-ktieb; u* ***jekk xi ħadd ineħħi xi kliem*** *milli hawn fil-ktieb ta' din il-profezija, Alla jneħħilu s-sehem li jmi-ssu mis-siġra tal-Ħajja u mill-belt il-qaddisa msemmijin f'dan il-ktieb"* (Apokalissi 22:14-20; enfasi tiegħi).

Din hija twissija iebsa ħafna li wieħed għandu jaħseb bis-serjetà fuqha! L-*idolatri*, dawk li jaċċċettaw statwi u xbiehat reliġjużi, tgħidilna l-Kelma ta' Alla, posthom se jkun BARRA u mhux ġewwa fil-Belt il-Qaddisa! Jiddependi minnek u minni lil min aħna sejrin nemmnu!

Issa ħalli nkomplu naraw x'tgħidilna aktar il-Kelma ta' Alla dwar l-idolatrija. Hawn tajjeb li int tqabbel l-Iskritturi kkwotati mal-Bibbja tiegħek u ddeċiedi int

jekk għandekx taċċetta statwi reliġjużi jew le! Jiena se nikkwotahom kollha aktar lura.

**Testment il-Qadim:**

1. Eżodu 20:1-5
2. Dewteronomju 4:15-19
3. Dewteronomju 5:32-33
4. 1 Samwel 15:23
5. Salm 115:2-8
6. Isaija 40:18-20, 25
7. Isaija 42:8
8. Isaija 44:9-20
9. Ġeremija 10:1-6
10. Ħabakuk 2:18-20

**Testment il-Ġdid:**

1. Ġwanni 3:23
2. Ġwanni 12:48
3. Atti 17:16-30
4. Atti 19:23-40
5. 2 Korintin 5:7, 16
6. Apokalissi 9:20
7. Apokalissi 22:15

Tajjeb li nfakkar, qabel ma nibdew naqraw il-passa-ġġi li jittrattaw dwar l-idolatrija, biex ma jkunx hemm xi ħadd u jgħid, kif jippruvaw jgħidu xi wħud biex jiġġustifikaw l-istatwi reliġjużi tagħhom, li l-istatwi reliġjużi tal-lum m'għandhomx x'jaqsmu ma' l-idoli msemmija fil-Bibbja, li naqraw xi jgħid l-Ispirtu s-Santu permezz ta' l-appostlu Pawlu,

> "*Għalhekk aħna* ***ma nagħarfu lil ħadd skond il-ġisem****.* ***Jekk għarafna*** ***lil Kristu skond il-ġisem,*** ***issa ma nagħ-arfuhx aktar hekk***" (2 Korintin 5:16; enfasi tiegħi).

Dan għandu jkun biżżejjed biex aħna niddeċiedu permezz tal-Kelma ta' Alla, li wkoll jekk hija statwa li tirrappreżenta li Ġesù Kristu **skond il-ġisem**, din tmur kontra l-Kelma ta' Alla għaliex "***jekk għarafna***

***lil Kristu <u>skond il-ġisem</u>, <u>ISSA ma nagħarfuhx aktar hekk.</u>***" Dan hu l-kliem ta' l-Ispirtu s-Santu u mhux il-kliem tiegħi! Żomm dan f'moħħok kif inti taqra l-passaġġi kkwotati taħt.

## TESTMENT IL-QADIM

1. **Eżodu 20:1-5,**

   "*Alla kellimhom u qalilhom dan kollu: "Jiena hu l-Mulej, Alla tiegħek, li ħriġtek mill-art ta' l-Eġittu, minn dar il-jasar.*

   "*Ma jkollokx allat oħra għajri, **La tagħmilx** għalik suriet minquxa u **ebda xbieħa** ta' **ebda** ħaġa li hemm fl-għoli tas-sema, jew isfel fl-art, jew fil-baħar taħt l-art. La tmilx quddiemhom. La tadurahomx għaliex jiena hu l-Mulej Alla tiegħek, Alla għajjur,...*" (enfasi tiegħi).

2. **Dewteronomju 4:15-19,**

   "*Meta l-Mulej, Alla tagħkom, kellimkom minn ġon-nar minn fuq il-muntan-ja Ħoreb, intom ma rajtu ebda xbieħa, mela ħarsu rwieħkom **li ma titħassrux u tagħmlu** xi sura ta' idolu, fi xbieħa ta' raġel jew mara; xbieħa ta' xi bhima fuq l-art; xbieħa ta' xi għasfur bil-ġwienaħ, li jittajjar fl-ajru; xbieħa ta' xi ħlejqa li tikaxkar fl-art; xbieħa ta' xi ħuta tal-baħar taħt l-art; u*

*li ma terfax għajnejk lejn is-sema, u tara x-xemx, u l-qamar, u l-kwiekeb u t-tagħmir kollu tas-smewwiet, u tinxteħet quddiemhom u tadurahom" (enfasi tiegħi).*

3. **Dewteronomju 5:6-9, 32-33,**

"*Jiena l-Mulej, li ħriġtek mill-art ta' l-Eġittu, minn dar il-jasar.*

*Ma jkollokx allat oħra ħliefi;* ***ma tagħmel ebda*** *idolu jew* ***xbieha ta' ebda ħlejqa li*** *hemm* ***fil-għoli tas-smew-wiet****, jew taħt l-art, jew fl-ibħra taħt l-art. Tadurahomx u sservihomx, Għax jiena l-Mulej, Alla tiegħek, Alla għaj-jur,...*[32]***Mela qisu li tħarsuhom, kif ordnalkom il-Mulej, Alla tagħkom. La tilwux lejn ix-xellug u laqnas lejn il-lemin. Imxu fit-triq kollha li ordnalkom il-Mulej****, sabiex tgħixu u jkollkom ir-riżq, u jkollkom ħajja twila fuq l-art li se tieħdu." (enfasi tiegħi).*

"*Mela qisu li tħarsuhom,* ***kif ordnalkom il-Mulej, Alla*** *tagħkom*" u mhux kif jordnawlkom xi mexxejja reliġjużi! Jekk inti trid li tgħix u jkollok ir-riżq, obdi lill-Mulej!

4. **1 Samwel 15:23,**

"*Ir-ribelljoni daqs id-dnub tas-seħer, u li* ***twebbes rasek daqs il-ħażen tal-***

> ***qima tax-xbihat***. *Għax int warrabt il-kelma tal-Mulej, hu se jwarrab lilek minn sultan*" (enfasi tiegħi).

Lest int li tkompli "twebbes rasek" u tkompli taċċetta l-istatwi reliġjużi? Jekk int trid li l-Mulej iwarrbek, kompli għamel dan!

5. **Salm 115:2-8,**

> "***Għaliex għandhom jgħidu l-ġnus: "Fejn hu Alla tagħhom?***" *Fis-smewwiet hu Alla tagħna; hu jagħmel kull ma jogħġbu.* ***Fidda u deheb*** *huma l-allat tagħhom,* ***xogħol ta' jdejn il-bniedem***. *Għandhom il-fomm, u ma jitkellmux; għandhom il-għajnejn, u ma jarawx; għandhom il-widnejn, u ma jisimgħux; għandhom l-mnieħer u ma jxommux; għandhom l-idejn, u ma jmi-ssux; għandhom ir-riġlejn, u ma jimx-ux; ebda leħen ma joħroġ minn fomm-hom.* ***Bħalhom ikunu dawk li jagħ-mluhom, u dawk kollha li jittama fihom***" (enfasi tiegħi).

Staqsi lilek innifsek: Hemm xi differenza minn dan li qrajt fis-Salm ghal l-istatwi reliġjużi tal-lum? L-istatwi reliġjużi tal-lum, huma "fidda u deheb"? L-istatwi reliġjużi tal-lum, huma "xoghol ta' jdejn il-bniedem"? L-istatwi reliġjużi tal-lum "għandhom il-fomm, u ma jitkellmux? Għandhom il-għajnejn, u ma jar-awx? Għandhom il-widnejn, u ma jisimgħux? Għan-dhom l-mnieħer u ma jxommux? Għandhom l-

idejn, u ma jmissux? Għandhom ir-riġlejn, u ma jimxux? U joħroġ xi leħen minn fommhom? Tista' int twieġeb "LE, M'GĦANDHOMX" għal xi waħda minn dawn il-mistoqsijiet? Għandek int il-kuraġġ li twarrab it-tagħlim falz kollu tal-bnedmin u timxi biss fuq dak li tgħidlek il-Kelma ta' Alla, il-Bibbja Mqaddsa?

6. **Isaija 40:18-20, 25,**

> "***Ma' min se jxebbhu lil Alla, u liema xbieħa se tqabblu miegħu***? *L-ido-lu jdewwbu bin is-sengħa, u jindurah ħaddiem id-deheb, u jsensillu ħjut tal-fidda. Xi ħadd fqajjar li ma għandux x'joffri, jagħżel xi għuda li ma ssew-wisx, ifittex xi ħaddiem jinqala', biex jagħmillu xbieħa ma titħarrikx.* [25]***Ma min ixebbhuni jew tqabbluni? Jis-taqsi l-Qaddis***" (enfasi tiegħi)

"*Ma' min se jxebbhu lil Alla, u liema xbieħa se tqab-blu miegħu?*" Dwar dan ara paġni 42-44, dwar Rum-ani 1:18-25 u tkun taf ma' min il-Kattoliċi jqabblu lil Alla li ma jintemmx! Lest int li tibqa' tagħmel dan u tagħmel lil Alla **GIDBA**?

7. **Isaija 42:8,**

> "*Jiena l-Mulej, dan hu ismi;* ***ma nċedi lil ħadd il-glorja tiegħi; lanqas lill-idoli t-tifħir tiegħi***" (enfasi tiegħi).

"***Ma nċedi lil ħadd*** *il-glorja tiegħi;* ***lanqas lill-idoli*** *t-tifħir tiegħi.*" Kull ma wieħed għandu jagħmel huwa li jattendi għal xi festa ta' xi qaddis jew qaddisa jew ta' Marija u jkun jaf il-glorja u t-tifħir lil min jingħataw f'dak il-jum!

8. **Isaija 44:9-20,**

   "***Dawk li jaħdmu l-idoli kollha bla moħħ, u x-xogħol għażiż għalihom ma jiswa xejn****. Huma stess ix-xhieda: ma jarawx, ma jifhmux, imisshom jistħu. Min hu li jsawwar alla u jfassal xbieha tal-fondut. Li ma tiswa għal xejn? Araw, sħabu kollha jkollhom jistħu, in-nies tas-sengħa huma bnedmin. Ħa jinġabru lkoll u jersqu 'l quddiem, jitriegħdu u jistħu lkoll flimkien. Il-ħaddiem jixħet il-ħadid fil-forġa, jagħtih sura bil-martell, u jirfinah b'qawwiet driegħu. Jieħdu l-ġuħ, tonqsu s-saħħa; u jekk ma jixrobx ilma jħossu mifni. Il-mastrudaxxa jiġbed il-ħajt, u jħożżu bil-ġibs aħmar; jonqxu bl-iskalpell, u jkejlu bil-kumpass; jagħmel xbieha ta' bniedem, bħal raġel sabiħ biex jgħammar f'dar. Imur jaqta' l-injam taċ-ċedru, jieħu xi biċċa tal-ballut jew ruvlu, li jikber b'saħħtu fil-foresta, jew iħawwel l-arżnu li x-xita tkabbar. Dan kollu jservi l-bniedem għat-tkebbis tan-nar: biċċa minnu jieħdu għas-*

*sħana, b'oħra jqabbad il-forn ħa jaħmi l-ħobż; u l-bqija biex jagħmel xi alla ħa jqimu; jagħmel xi xbieha u jmil qudd-iemha. Nofsu jaħarqu fin-nar, u fuq il-ġamar jixwi l-laħam, u jiekol ix-xiwi u jixba', mbagħad jissaħħan u jgħid: "Is-sa sħant, qiegħed inħoss in-nar!" Mill-fdal imbagħad jagħmel xi alla, ix-xbie-ha mnaqqxa tiegħu. Imil quddiemu u jadurah, jitolbu u jgħidlu:" Eħlisni, int alla tiegħi." Dawn in-nies ma jafux u ma jifhmux, għajnejhom għammdil-hom li ma jarawx; qalbhom għalqilhom li ma tifhimx. Ħadd ma jdaħħal f'qal-bu; u la jagħraf u lanqas jifhem, u jgħid: "B'nofs il-ħatab kebbist in-nar, fuq il-ġamar ħmejt il-ħobż; xwejt il-laħam u kilt minnu, Se nagħmel issa minn fdalu ħaġa mistkerrha, u ninżel jien inqim iz-zokk ta' siġra?" Bl-irmied jitpaxxa, qalbu mogħwija tellfitu t-triq; ma jistax jeħles u jgħid: "Jaqaw m'hix gidba li għandi f'leminti*" (enfasi tie-għi).

9. **Ġeremija 10:1-6,**

   "*Isimgħu, dar Iżrael, il-kelma li jgħi-dilkom il-Mulej. Dan jgħid il-Mulej:* ***Drawwiet il-ġnus la titgħallmux****, u la tibżgħux mis-sinjali tas-smewwiet, il-ġnus jitbeżżgħu minnhom. Għax ir-*

*rel-iġjon tal-popli hija frugħa, għuda maq-tugħa minn ġol-bosk, xogħol l-idejn l-imgħallem bl-iskalpell. Iżejjinha bid-deheb u l-fidda, iwaħħluha bl-imsiemer u l-martell, biex ma titħarrikx. Bħan-nuffara f'għalqa ħajr, l-idoli ma jitkell-mux. Trid terfagħhom, għax ma jim-xux. La tibżgħux minnhom, għax deni ma jagħmlux, **u riżq ma fihom xejn**.*" *Ħadd m'hu bħalek, Mulej, int kbir*" (enfasi tiegħi).

"*Drawwiet il-ġnus la titgħallmux.*" Dan hu eżattament dak li l-Knisja Kattolika Rumana tgħallmet, *drawwiet il-pagani* (il-kelma "ġnus" tfisser "pagani"). "*Għax ir-reliġjon tal-popli hija frugħa, għuda maqtugħa minn ġol-bosk, xogħol l-idejn l-imgħallem bl-iskalpell. Iżejjinha bid-deheb u l-fidda, iwaħħluha bl-imsiemer u l-martell, biex ma titħarrikx. Bħan-nuffara f'għalqa ħajr, l-idoli ma jitkellmux. Trid terfagħhom, għax ma jimxux.*" Hemm xi differenza minn dan kollu li jgħid Ġeremija għal dak li naraw aħna fl-istatwi tal-Knisja Kattolika Rumana? Jekk hemm, x'inhi? Huma l-istatwi Kattoliċi "*xogħol l-idejn l-imgħallem*"? Huma l-istatwi Kattoliċi "*mżejna bid-deheb u l-fidda*"? Huma l-istatwi Kattoliċi "*li ma jitħarrkux*"? Huma l-istatwi Kattoliċi "*idoli ma jitkellmux*"?

**10. Ħabakuk 2:18-20,**

"*Xbieha minquxa x'fejda jkun hemm fiha biex min jonqoxha joqgħod isaw-*

*warħa? X'tiswa xbieħa mdewwba, u l-ħabbar giddieb, biex jista' jafda fiha min jagħmilha u joqgħod jaħdem idoli mbikkmin?* ***Ħażin għalih*** *min jgħid lil biċċa għuda: "Stenbaħ min-ngħas," jew "Qum" lil ġebla siekta! Dan hu t-tagħlim! Arah,* ***xogħol intarsjat bid-deheb u l-fidda, iżd'ebda nifs ta' ħajja m'hemm ġo fih.*** *Iżda l-Mulej fit-tempju mqaddes tiegħu;* ***iskot quddiemu, art, kollok kemm int***"

Huma l-istatwi reliġjużi Kattoliċi "*xogħol intarsjat bid-deheb u l-fidda, iżd'ebda nifs ta' ħajja m'hemm ġo fih*"? La huma, lest int li "tiskot" quddiem il-Mulej u twarrab dawk l-istatwi reliġjużi kollha? Lest jew le?

## IT-TESTMENT IL-ĠDID

Issa ħalli naraw x'għandu xi jgħid it-Testment il-Ġdid dwar l-idolatrija?

1. **Ġwanni 4:23,**

   "*Imma tiġi siegħa, anzi issa hi, meta dawk li* ***tassew*** *jaduraw jibdew jaduraw lill-Missier* ***fl-ispirtu u l-verità***" (enfasi tiegħi).

2. **Ġwanni 12:48,**

   "*Min imaqdar lili* ***u ma jilqax kliemi****, hemm min jagħmel ħaqq minnu:* ***il-kelma li jiena għedt; tkun hi li tagħmel ħaqq minnu fl-aħħar jum***" (enfasi tiegħi).

3. **Atti 17:16-30,**

*"Kemm dan Ateni jistenniehom, Pawlu* ***kien jinkedd fih innifsu jara l-belt mimlija idoli****. Għalhekk fis-sinagoga kien jiddiskuti mal-Lhud u ma' dawk kollha li kuljum kienu jinzertaw għaddejjin mill-pjazza tal-belt. Resqu wkoll jitħaddtu miegħu xi Epikurin u Stojċi. Uħud minnhom kienu jgħidu: "X'għandu xi jgħid dan il-lablab?" U oħrajn: "Donnu messaġġier ta' xi allat strangiera." Għax kien ixandar lil Ġesù u l-qawmien mill-imwiet. Għalhekk ħaduh magħhom u marru fl-Arjopagu u qalulu: "Nistgħu nkunu nafu x'inhu dan it-tagħlim ġdid li qiegħed tgħallem? Għax int semmajtna ħwejjeġ li qatt ma smajna bihom, u aħna nixtiequ nkunu nafu x'inhuma dawn." Issa l-Atenin kollha u l-barranin li kienu joqogħdu hemm ma kienu jedhew b'xejn ħlief b'li jgħidu jew jisimgħu xi ħaġa ġdida. Mbagħad Pawlu, wieqaf f'nofs l-Arjopagu, qabad jitkellem: "Rġiel ta' Ateni,* ***qiegħed nara li intom f'kollox nies mill-aktar reliġjużi. Jien u għaddej u nħares lejn ix-xbihat qaddisa tal-qima tagħkom,*** *sibt ukoll artal b'din il-kitba fuqu, 'Lil Alla Mhux Magħ-ruf.' Għalhekk, dak li intom tqimuh bla ma tagħrfuh,*

*nħabbarhulkom jien. Alla li għamel id-dinja u kull ma fiha, u li hu sid is-sema u l-art, ma joqgħodx f'tempji maħduma bl-idejn bħallikieku kienet tonqsu xi ħaġa, hu, li jagħti lil kulħadd il-ħajja u n-nifs u kollox. Minn bniedem wieħed għamel il-ġens kollu tal-bnedmin biex jgħammru fuq wiċċ l-art kollha, u qassmilhom bil-qjies iż-żminijiet u t-truf ta' l-art fejn għandhom jgħammru; u dan għamlu biex huma jfittxu lil Alla u forsi jħos-suh b'idejhom u jsibuh; u tassew, hu m'huwiex 'il bogħod minn kull wieħed minna. Aħna fih ngħixu, nitħarrku u aħna; u, kif qalu xi wħud mill-poeti tagħkom, 'Aħna tassew nisel tiegħu.'* ***Mela ladarba aħna nisel ta' Alla, ma għandniex naħsbu lid-divinità [hu] jixbah lid-deheb jew lill-fidda jew lill-ħaġar qisu xbieha ġejja minn sengħet u moħħ il-bniedem. ALLA GĦALAQ GĦAJNEJH SAKEMM IL-BNEDMIN KIENU GĦADHOM MA JAFUX; ISSA GĦARRAFH-OM LI KULĦADD GĦANDU JIN-DEM, HU FEJN HU. Għax hu għaż-el jum li fih għandu jagħmel ħaqq ġust mid-dinja permezz ta' bniedem li ħatru hu; u ta' dan kollu ta prova***

> ***quddiem kulħadd billi lilu qajjmu mill-imwiet*** ” (enfasi tiegħi.)

Staqsi lilek innifsek, li kieku l-appostlu Pawlu kien ikun hawn Malta u jara dawk l-istatwi kollha reliġjużi ma taħsibx int li kien "*jinkedd fih innifsu*" jara mhux il-belt imma l-pajjiż kollu mimli bl-idoli reliġjużi u kien jgħid eżattament l-istess kliem li qal f'Ateni! Jekk le, għaliex? "*Alla għalaq għajnejh sakemm il-bnedmin kienu għadhom ma jafux*" [fl-injoranza] imma issa int u jien *nafu* li statwi reliġjużi huma kkundannati Minnu, issa int u jien nafu li Alla għarrafna li għandna nindmu, issa int u jien nafu li "***jekk għarafna lil Kristu skond il-ġisem, ISSA ma nagħarfuhx aktar hekk.***" Jiena, bħala Kristjan tat-Testment il-Ġdid indimt u warrabt dak it-tagħlim falz minn ħajti u aċċettajt dak li jgħidili l-Mulej fil-Kelma Tiegħu. Lest int li tobdi lill-Mulej ukoll? Tinsiex li:

> "*Jeħtieġ nobdu aktar lil Alla milli l-bnedmin*" (Atti 5:29).

**4. Atti 19:23-40,**

> "*Mela dik il-ħabta nqala' nkwiet mhux żgħir minħabba t-Triq tal-Mulej. Kien hemm wieħed arġentier, jismu Demetriju, li kien jagħmel mudelli tal-fidda tat-tempju ta' Artemi, u, bis-saħħa tiegħu, in-nies tas-sengħa kienu jaqilgħu ħafna flus. Dan laqqagħhom flimkien ma' nies ta' snajja oħra bħal tagħhom, u qalilhom: "Ħbieb, intom tafu li l-*

*għana tagħna ġej mill-qligħ ta' din is-sengħa. Qegħdin taraw u tisimgħu li* ***dan Pawlu qiegħed idawwar u jaqleb ħafna nies****, mhux biss f'Efesu, imma tista' tgħid fl-Asja kollha. Qiegħed igħ-idilhom li* ***allat maħduma bl-idejn ma huma allat xejn****. Hawn hu l-biża', li mhux biss din is-sengħa tagħna ma jib-qgħux jistmawha, iżda li saħansitra t-tempju ta' Artemi l-kbira, l-alla tagħna, jiġi fix-xejn; u fl-aħħar jiġri li tonqos il-glorja kbira ta' dik li hi miqjuma fl-Asja u d-dinja kollha." Xħin semgħu dan, imtlew bil-għadab u qabdu jgħaj-tu: "Kbira Artemi ta' l-Efesin!"Qamet taħwida fil-belt kollha; in-nies b'ġirja waħda telqu lkoll flimkien għall-anfi-tjatru u kaxkru magħhom lil Gaju u 'l Aristarku, iż-żewġ irġiel mill-Maċe-donja li kienu sħab Pawlu fil-vjaġġ. Pawlu ried jidħol qalb il-folla, imma d-dixxipli ma ħallewhx. Xi awtoritajiet ta' l-Asja, ħbieb tiegħu, bagħtu jgħidu-lu huma wkoll biex ma jissugrax jidħol fl-anfitijatru. Ġewwa fost il-ġemgħa kien hemm storbju sħiħ; min kien jgħa-jjat ħaġa u min oħra, u l-biċċa l-kbira anqas biss kienu jafu għalfejn inġabru hemm. Il-Lhud tefgħu lil Alessandru 'l quddiem, u xi wħud*

*mill-folla fehmuh x'kienet il-kwistjoni. Alessandru għa-mel sinjal b'idu biex juri li ried jagħ-mel difiża quddiem il-poplu. Imma kif intebħu li kien Lhudi qabdu jgħajjtu lkoll b'leħen wieħed, u baqgħu sejrin jgħajtu għal madwar sagħtejn sħaħ: "Kbira Artemi ta' l-Efesin!" Mbagħad uffiċjal pubbliku rnexxielu jsikket il-folla u qalilhom: "Nies ta' Efesu, min hu dak li ma jafx li Efesu hija l-belt li tħares it-tempju ta' Artemi l-kbira u tax-xbieha tagħha* ***li waqgħet mis-se-ma****? Dan ħadd ma jista' jmerih! Mela għandkom toqgħodu bi kwietkom u ma tagħmlu xejn bl-għaġla. Intom ġibtu hawn lil dawn l-irġiel, li ebda sagrileġġ ma għamlu, u anqas dgħaw kontra din l-alla tagħna. Mela jekk Demetriju u sħabu tas-sengħa tiegħu għandhom xi jgħidu kontra xi ħadd, hemm il-qrati u l-imħallfin; ħa jmorru jixlu 'l xulxin quddiemhom. Jekk imbagħad għand-kom xi kwistjoni oħra, ħalluha tkun deċiża fil-laqgħa tas-soltu. Għax fuq dak li ġara llum, hemm il-periklu li jgħodduna b'ħatja ta' dan l-irvell, u ma hemm ebda skuża li nistgħu nġibu għal irvell bħal dan." Xħin temm jgħid dan, bagħat lil kulħadd 'il barra*" (enfasi tiegħi).

"*Qegħdin taraw u tisimgħu li* ***dan Pawlu qiegħed idawwar u jaqleb ħafna nies****, mhux biss f'Efesu, imma tista' tgħid fl-Asja kollha. Qiegħed igħidilhom li* ***allat maħduma bl-idejn ma huma allat xejn****.*" Huma *l-istatwi reliġjużi* tal-lum *maħduma bl-idejn* u għalhekk ma jiswew xejn għaliex ma huma allat xejn? Mela kif nisimgħu li ċerti statwi huma mirakolużi? Dak kollu huwa qerq u mhux aċċettat minn Alla! Isma' t-għid il-Kelma ta' alla dwar dan (Tajjeb hawn li taqra mill-Bibbja tiegħek dan il-passaġġ mit-Tieni Tessalonikin 2:9-12):

> "*Il-Ħażin għad jiġi bil-qawwa tax-xitan, u* ***jagħmel kull xorta*** *ta' mirakli u sinjali u għeġubijiet foloz, u jinqeda* ***b'kull xorta*** *ta' qerq u ħażen fuq dawk li huma ikkundannati għall-qerda* ***għax ma emmnux u ma ħabbewx u ma la-qgħux il-verità*** *biex isalvaw ruħhom. Għalhekk Alla qed jibagħtilhom kont-rihom qawwa qarrieqa biex jemmnu l-gideb, ħalli b'hekk dawk kollha* ***li ma jemmnux il-verità****, imma jogħġobhom il-ħażen ikunu ikkundannati*" (2 Tessa-lonikin 2:9-12; enfasi tiegħi)

Jekk forsi għandek xi dubju dwar x'inhi "l-verità" aqra fil-Bibbja tiegħek Ġwanni 8:31-32; 17:17 u l-Mulej jgħidlek Hu. Illum nisimgħu dwar mirakli li jsiru u dwar statwi mirakolużi. Imma Alla qoiegħed jgħidilna li l-Ħażin *"****jagħmel kull xorta*** *ta' mirakli*

*u sinjali u għeġubijiet foloz, u jinqeda* ***b'kull xorta*** *ta' qerq u ħażen fuq dawk li huma ikkundannati għall-qerda* ***għax ma emmnux u ma ħabbewx u ma la-qgħux il-verità***." "Kull xorta" u mhux xi wħud. Mela kull hekk imsejjaħ miraklu li jsir illum, skond il-Kelma ta' Alla, huwa ġej mill-Ħażin, mix-xitan! Dan mhux skond jien, imma skond Alla Nnifsu!

5. **Rumani 1:18-25,**

   "***Il-korla ta' Alla tidher nieżla mis-sema fuq il-ħażen u l-inġustizzja tal-bnedmin li jżommu l-verità mjassra bl-inġustizzja****; għax dak li wieħed jista' jagħraf minn Alla kien, iva, irrivelat lilhom; Alla stess urihulhom. Il-kobor tiegħu li ma jidhirx, jiġifieri s-setgħa tie-għu ta' dejjem, u d-divinità tiegħu, hu-ma setgħu jagħrfuh sa mill-ħolqien tad-dinja, permezz tal-ħlejjaq, u għalhekk* ***ma għandhom ebda skuża****. Imma għad li lil Alla għarfuh, huma la tawh ġieħ ta' Alla li hu, u lanqas raddewlu ħajr; għall-kuntrarju, moħħhom intilef fil-bluha, u qalbhom bla dehen iddallment; waqt li riedu jagħmluha ta' għorrief, bliehu* ***u bidlu l-glorja ta' dak Alla li ma jin-temmx ma' sura u xbieha tal-bniedem li jintemm,*** *ta' l-għasafar, tal-bhejjem b'erba' saqajn, tas-sriep. U għalhekk Alla rħiehom għall-ġibdiet ħżiena ta'*

*qalbhom, biex niġġsu u waqqgħu fil-għajb lil ġisimhom stess bejniethom.* ***IL-VERITÀ TA' ALLA BIDLUHA MA' GIDBA, U TAW IL-ĠIEĦ TAGĦHOM LILL-ĦLEJJAQ FLOK MA TAWHOM LILL-ĦALLIEQ, li jkun imbierek għal dejjem. Amen***" (enfasi tiegħi).

**Mistoqisja: Huwa dnub li tibdel il-verità ta' Alla ma' gidba?** Żgur lit-tweġiba għandha tkun, IVA, huwa dnub kbir! Hawn f'dan il-passaġġ żgur li ħadd ma jista' jgħid li l-istatwi reliġjużi tal-lum m'għandhomx x'jaqsmu ma' dawk imsemmija fil-Bibbja għaliex l-appostlu Pawlu qiegħed jgħid, b'ispirazzjoni mill-Ispirtu s-Santu li lil "***Alla li ma jintemmx*** *biddluh ma sura u xbieha tal-**bniedem li jintemm**…*"

Jekk inti għad għandek xi dubju dwar dan mur ara l-kwadru li jinsab wara l-artal il-maġġur fil-knisja ta' Bormla fejn naraw lil Alla l-Missier ***li ma jintemmx*** qiegħed jinkuruna lil Marija mibdul ma' *xbieha tal-**bniedem li jintemm***. Mur sal-knisja tal-Marsa fejn għandhom l-istatwa tat-Trinità fejn ukoll hemm għandek tara lil l-Alla l-Missier ***li ma jintemmx*** bħala raġel xiħ bil-baffi ***li jintemm*** kif jidher ukoll fil-kwadru tal-knisja ta' Bormla. Ukoll int tista' tmur sal-knisja tal-Fgura u agħti daqqa t'għajn fuq l-artal fejn għandek tara lil Kristu msallab u Alla l-Missier ***li ma jintemmx*** fuqu bħala raġel xiħ ***li jintemm***. Ukoll inti tista' tara dan f'pittura li tinsab fil-każin ta' San Gejtanu fejn turi lil l-Alla ***li ma jintemmx*** bħala raġel

xiħ ***li jintemm*** u karattri oħra bibliċi. Jekk xi ħadd jipp-rova jsib xi skuża għal din il-gidba kbira, Alla qiegħed igħidlu "*u għalhekk* ***ma għandhom ebda skuża***" (Rumani 1:20). Ara l-Istampa taħt:

Issa d-deċiżjoni hija tiegħek u tiegħek biss. Jew tobdi lil Mulej jew lill-bnedmin! M'hemmx triq oħra! Il-Mulej jgħidilna,

> "*Għaliex issejħuli, 'Mulej, Mulej,' u mbagħad* ***ma tagħmlux*** *dak li ngħid jien?*" (Luqa 6:46).

**6. 2 Korintin 5:7, 16,**

> "*Aħna ngħixu bil-fidi* ***u mhux bil-viżjoni…*** [16]*Għalhekk aħna* ***ma nagħar-fu lil ħadd skond il-ġisem. Jekk għa-rafna lil Kristu skond il-***

> ***ġisem,* *issa ma nagħarfuhx aktar hekk***" (enfasi tiegħi).

Għaliex "aħna ma nagħarfu lil ħadd skond il-ġisem"? It-tweġiba hija sempliċi ħafna: Għax "Aħna ngħixu bil-fidi u mhux bil-viżjoni." Aħna m'għandniex bżonn naraw xi xbieha jew statwa llum għax għandna dik il-fidi:

> "*…li ngħatat darba għal dejjem lill-qaddisin*" (Ġuda 3).

Tajjeb li tkun taf hawn, li l-kelma "qaddisin" hawn tirreferi għall-Kristjani ħajjin u mhux għall-qaddisin magħmula mill-bnedmin wara mewthom (ara Rumani 16:2, 15; 1 Korintin 16:1; 6:1-2; 2 Korintin 8:4; 13:12; Efesin 1:1, 15; 2:19; 3:8, 18; 4:21; Lhud 13:24; 1 Pietru 1:1, 2; 2:9).

7. **Apokalissi 9:20,**

> "*U l-bqija tal-bnedmin li ma nqerdux b'dawn il-flaġelli ma reġgħux lura mill-għemejjel ta' jdejhom u anqas ma waqfu milli jinxeħtu jqimu d-demonji* ***u l-idoli tad-deheb u l-fidda, tal-bronż, tal-ġebel u ta' l-injam, li la jistgħu jaraw, la jisimgħu u lanqas jimxu.***"

Sejħilhom li trid, idoli jew statwi, għall-Mulej mhux se tagħmel xi differenza, it-tnejn huma kkundannati Minnu. Hum al-istatwi reliġjużi tal-Knisja Kattolika Rumana, "*tad-deheb u l-fidda, tal-bronż, tal-ġebel u ta' l-injam, li la jistgħu jaraw, la jisimgħu u lanqas*

*jimxu*"? Wieġeb int mingħajr ebda tlaqliq! Jekk mhumiex, allura dawn għandhom ikunu tal-laħam! Jekk huma tad-deheb u l-fidda, tal-bronż, tal-ġebel u ta' l-injam, li la jistgħu jaraw, la jisimgħu u lanqas jimxu, allura dawn huma ikkundannati minn Alla!

8. **Apokalissi 22:14-15,**

> "*Hienja dawk li jaħslu lbieshom, sabiex ikollhom is-setgħa fuq is-siġra tal-Ħajja u jidħlu fil-Belt mill-bibien. Jibqgħu barra l-klieb u s-saħħarin, iż-żien-ja u l-qattiela,* ***l-idolatri*** *u dawk kollha li jħobbu ul-qereq u jagħmluh!*"

Hemm żewġ postijiet fejn wieħed jista' jmur. Jew **ġewwa** fil-Belt jew **barra** mal-ħżiena u **l-idolatri**, dawk li jaċċettaw xbiehat reliġjużi, huma x'inhuma, jiġifieri, ***l-idoli tad-deheb u l-fidda, tal-bronż, tal-ġebel u ta' l-injam, li la jistgħu jaraw, la jisimgħu u lanqas jimxu.***"

Il-Knisja Kattolika Rumana, għalkemm tammetti li l-kotba apokrifi "m'humiex fil-Kanoni għax ma ġewx aċċettati bħala ispirati," hija xorta waħda daħħlet fil-Bibbja tagħha dawk il-kotba u tgħid li "għaliha huma ispirati bħal kotba l-oħra" (ara *Enċiklopedija Biblika*, Editur Donat Spiteri OFMCap, p. 491 li b'daqshekk xorta waħda jibqgħu **mhux ispirati!** Imma jekk inti, bħala Kattoliku Ruman, taċċetta dawk il-kotba wkoll, tajjeb li taqra dwar l-idolatrija mill-Ktieb ta' Baruk, kapitlu sitta kollu.

Xi nies reliġjużi devoti jgħidulna u jistaqsuna: Allu-ra intom lanqas għandkom kurċifiss, jiġifieri, lil Ġesù msallab fuq is-salib?

Kif diġa' kkwotajt aktar qabel, il-Kelma ta' Ġesù Kristu Nnifsu (Galatin 1:11,12) tgħidlna hekk dwar dan:

> "*Għalhekk aħna* ***ma nagħarfu lil ħadd skond il-ġisem***. ***<u>Jekk għarafna</u> lil Kristu skond il-ġisem, <u>issa ma nagħ-arfuhx aktar hekk</u>***" (2 Korintin 5:16; enfasi tiegħi).

Li wieħed jaċċetta x-xbieha ta' Ġesù bħala bniedem fuq is-salib dan ikun għadu qiegħed jagħraf lil Ġesù *skond il-ġisem*. Aħna nobdu l-Kelma ta' Alla u mhux il-kelma tal-bnedmin! (Atti 5:29). Il-Kelma ta' Alla tgħidilna li:

> "*Aħna ngħixu bil-fidi u mhux bil-viż-joni*" (2 Korintin 5:7).

Il-Mulej stess jgħidilna li:

> "*Hu l-ispirtu li jagħti l-ħajja,* ***il-ġisem ma jiswa għal xejn. Il-kliem li jiena għedtilkom huwa spirtu u ħajja***" (Ġwanni 6:63; enfasi tiegħi).

"*Il-ġisem ma jiswa għal xejn*" jgħidilna l-Mulej. Temmnu dan int? Jekk int taċċetta lil Ġesù fuq is-salib bħala bniedem skond il-ġisem allura int tkun qiegħed tgiddeb lill-Mulej fejn qal li "l-ġisem ma jiswa xejn" u int tkun qiegħed tgiddeb lil l-Ispirtu s-Santu fejn fil-Kelma ispirata Tiegħu qal "*aħna ma nagħarfu lil ħadd*

*skond il-ġisem.* ***Jekk għarafna lil Kristu skond il-ġisem, issa ma nagħarfuhx aktar hekk***" (2 Korintin 5:16). Lest int li tobdi lil l-Ispirtu s-Santu u lill-Mulej jew se tkompli twebbes rasek u taċċetta u tkompli tagħraf lil Kristu fuq is-salib **skond il-ġisem**? L-għażla hija waħda sempliċi ħafna, jew tobdi lill-Mulej jew tobdi lill-bnedmin! Tinsiex x'jgħidlek il-Mulej:

> "*Għaliex issejħuli 'Mulej, Mulej,' u mbagħad ma tagħmlux dak li ngħid jien?*" (Luqa 6:46).

Jekk int se tkompli taċċetta lil Kristu skond il-ġisem fuq is-salib allura tkomplix issejjaħlu "Mulej, Mulej" għax ma jkun jiswa' xejn għalik li ssejjaħlu hekk. Ir-riżultat ikun biss dak li naqraw f'versi 49,

> "*Iżda min jisma' kliemi* ***u ma jagħmilx li ngħid jien****, jixbah lil wieħed li jkun bena daru fuq l-art mingħajr ma qiegħed sisien. Il-wied niżel b'qawwa kbira għal fuqha u minnufih iġġarfet, u saret ħerba kbira minn dik id-dar!*"

Ġieli nitkellem ma' xi nies Kattoliċi li jgħiduli: "Jiena għalkemm Kattoliku, imma xorta ma nemminx fl-istatwi." Imma dan huma ma jistgħux jagħmluh għaliex huma għandhom jobdu u jaċċettaw dak li jgħidulhom il-mexxejja reliġjużi tagħhom u l-mexxejja reliġjużi Kattoliċi jordnaw li statwi reliġjużi għandhom ikunu vvenerati! Aqra fil-Bibbja tiegħek Lhud 13:17 u ara jekk jaqbilx ma' dan:

> "*Oqogħdu għal dawk li jmexxukom,* ***u obduhom****, għax huma jgħassu fuqkom*

*għall-ġid tagħkom, bħala nies li għad iridu jagħtu kont tagħkom. Hekk huma jaqdu dan id-dmir bil-ferħ, u mhux bi swied il-qalb; għax dan ma jkunu jis-wielkom ta' ebda ġid*" (Lhud 13:17; enfasi tiegħi).

Dan ma jfissirx li int m'intix responsabbli ta' dak li int tagħmel (2 Korintin 5:10) imma jfisser li int għandek tkun ċert li qiegħed f'dik il-knisja li tassew waqqaf il-Mulej tagħna Ġesù Kristu u mhux f'xi knisja fl-apos-tasija bħal ma hija l-Knisja Kattolika Rumana. Imma jekk inti tiddeċiedi li tibqa' fil-Knisja Kattolika Ruma-na, allura għandek taċċetta l-istatwi reliġjużi u b'hekk int kull ma tkun qiegħed tagħmel hu li tkun qiegħed togħġob lill-bnedmin u mhux lil Alla. Hija għażla sempliċi li wiegħed għandu jagħmel imma għal xi wħud li jwarrbu t-tagħlim tal-bnedmin isibuha bi kbira wisq ukoll għalkemm huma jkunu qegħdin jobdu lil Alla meta jagħmlu dan!

Hawn, jekk inti Kattoliku Ruman, nistiednek taqra l-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, paġna 502, #2112-2114. Ara l-aħħar tliet versi!

Nixtieq nagħlaq dan l-istudju b'dak li naqraw f'Atti 28:24-27,

"*Xi wħud emmnu dak li qalilhom, oħ-rajn ma emmnux. Billi ma qablux*

*bejn-iethom, kulħadd telaq għal rasu. Pawlu kelma waħda qalihom: "Sewwa qal l-Ispirtu s-Santu lil missirijietkom per-mezz ta' Isaija l-profeta, meta qal, 'Mur għand dan il-poplu u għidilhom: Tisimgħu kemm tisimgħu ma tifhmux, u tħarsu kemm tħarsu ma tarawx. Għax il-qalb ta' dan il-poplu twebbset: kienu tqal biex jisimgħu b'widnejhom u għal-qu għajnejhom, li ma jmorrux jaraw b'għajnejhom u jisimgħu b'widnejhom u jifhmu b'moħħhom, u hekk ibiddlu ħajjithom u jiena nfejjaqhom."*

Nittama li inti tkun lest li taċċetta b'qalbek kollha dak li tgħid il-Kelma ta' Alla dwar dan is-suġġett hekk importanti u ma twebbisx qalbek u tkompli fit-tagħlim żbaljat tal-Knisja Kattolika. Il-Kelma ta' Alla turina bl-aktar mod ċar li Alla, statwi u xbiehat reliġjużi jik-kundannahom u ma jaċċettahom taħt l-ebda skuża.

L-ebda statwa ta' xi qaddis/a li hu ħaj jew mejjet ma tista' ssalvana jew teħlisna. Xejn **ħlief Kristu** ma' għandu jkun il-Mira tal-fidi tagħna. **Ġesù Kristu waħdu** jsalva lil nies bħalek u bħali mid-dnubiet tagħna meta aħna nemmnu Fih u f'dak li Hu għamel għalina fuq is-Salib tal-Kalvarju meta Hu xerred id-demm prezzjuż Tiegħu biex inaddafna u jħabbibna ma' Alla, nindmu minn dnubietna, nistqarruh bħala l-Messija, u nitgħammdu għall-maħfra tad-dnubiet (Mark 16:16; Rumani 10:9; Atti 2:38).

Għalhekk, ħalli aħna lkoll nisimgħu aktar mill-Kelma ta' Alla u mhux mill-kelma tal-bnedmin (Atti 5:29).

> "*Għalhekk, kif jgħid l-Ispirtu s-Santu: Jekk illum tisimgħu leħnu, la twebb-sux qalbkom…*" (Lhud 3:7-8).

**Għal aktar informazzjoni ikkuntattja:**

Knisja ta' Kristu,
Flat 1, Polytechnic Flats,
Ġużè Debono Square,
Msida MSD 10
e-mail: info@churchofchristmalta.com
jew: www.churchofchristmalta.com